MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 946/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Sammut)**

**vs.**

**Marie Antoinette Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Marie Antoinette Galea**, ta' sebgha u tletin (37) sena, bint il-mejjet Anthony Massa u Rita neé Zahra, imwielda l-Pieta' fis-7 ta' Gunju, 1974, u toqghod fil-fond numru 12, 'Red Rose', Triq il-Gir, il-Kalkara u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 267675(M), akkuzata talli:

1. filwaqt li kienet fir-residenza numru 12, 'Red Rose', li tinsab fi Triq il-Gir, il-Kalkara, nhar is-26 ta' Settembru,

2010, ghal habta tas-1.00 ta' filghodu, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' zewgha Pierre Galea, mill-Kalkara, f'periklu car, permezz ta' globu tal-hgieg, ikkagunatlu ferita ta' natura gravi, kif iccertifika Dr. Mark Grech M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid liema ferita iggiblu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 86) datata 18 ta' Gunju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 216, 217 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 89), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Gunju 2012, f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 106 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011, xehed **PS 1576 Simon Grech** (*a fol.* 9 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu. Jghid li l-incident sehh fis-26 ta' Settembru 2010 u li r-rapport sar minn Pierre Galea fil-5 t'Ottubru 2010. PS 1576 ezebixxa r-rapport tieghu (Dok. "SG 1" – *a fol.* 13 *et seq.*) u l-stqarrija rilaxxata mill-imputata (Dok. "SG 2" (*a fol.* 28 *et seq.*)

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk saqsiex lil Pierre Galea x'kienet ir-raguni ghala ghamel ir-rapport disat'ijiem wara li sehh l-incident, jghid li Galea wiegbu li baqa' jittama li l-affarijiet bejn il-koppja Galea jitrangaw.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Pierre Galea** (*a fol.* 15 *et seq.*) li spjega li xi jiem qabel sehh l-incident mertu tal-kawza nnota li martu l-imputata kienet qed tahbi xi haga minnu bl-uzu tal-*mobile*. Spjega wkoll li bejn il-lejl tal-25 u s-26 ta' Settembru 2010, rega' innota l-istess haga. Jghid li f'hin minnhom sab lill-martu bil-*mobile* ma widnejha u li x'hin ratu, inhasdet u tefghet il-*mobile* fil-but u wara tatu l-*mobile* f'idejh. Wara li pprova jcempel in-numru li kellha fuq il-*mobile*, spjega kif martu marret hdejh u qaltlu biex jaghtiha l-*mobile*, u li lilu gietu dik li sejjah *"cappa dlam"* u qabad il-*mobile* u faqghu mal-art u li *"ezatt kif kont tiela' minn mal-art taqbad globu li kien ilu maqlugh xi erba' snin hemmhekk u tfajjarli daqqa go wicci bih"* (*a fol.* 18). Jispjega li b'konsegwenza ta' hekk, martu ghamlitlu ferita fuq wiccu. Jixhed ukoll li qal lill-imputata li f'kaz li hi kienet ser tghidlu min kien cemplilha, kien lest idawwar il-verzjoni ta' x'kien gara. Jichad li f'xi hin hebb ghall-mara tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 22) jichad li l-imputata ppruvat timbuttah bil-globu peress li kien sejjer ghaliha.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 93 *et seq.*) ma jaqbilx li waqt l-incident hu u martu kienu wicc imb'wicc pero jghid li martu kienet la genbha. Jghid li huwa inklina mal-*mobile* meta tefghu mal-art u li d-daqqa laqqatha x'hin kien qam ezatt. Jichad li martu ghamlet il-globu quddiemha biex tipprotegi ruhha minnu.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, xehed l-eks **Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 35 *et seq.*) li xehed fid-dettall rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu rigward dan il-kaz. Xehed, fost l-ohrajn, li Pierre Galea kien stqarr mal-Pulizija li kien ilu jissuspetta li martu l-imputata kienet qed ikollha kuntatt ma' terza persuna u li hu ried jistabilixxi min kienet din il-persuna. Ezebixxa certifikat mediku ta' Pierre Galea (Dok. "JB 1" – *a fol.* 43).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Dr. Mark Grech** (*a fol.* 44) li xehed rigward ic-certifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "JB 1" - *a fol.* 43), il-kontenut ta' liema certifikat gie konfermat. Mic-certifikat jirrizulta li l-griehi kienu ta' natura gravi.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, in segwitu ta' talba tal-Avukat Generali, rega' xehed **Pierre Galea** (*a fol.* 54 *et seq.*) rigward il-griehi sofferti minnu. Ezebixxa hmistax-il ritratt li gew mmarkati bhala Dok. "PG 1" sa "PG 15" (*a fol.* 58).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 68) rigward in-nomina tieghu sabiex jezamina lil Pierre Galea u jistabilixxi l-entita' tal-offizi, il-permanenza u d-dizabilita taghhom. Ezebixxa r-rapport tieghu (Dok. "MS 1" – *a fol.* 70 *et seq.*) u kkonferma l-kontenut tieghu.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 91), ikkonferma li Pierre Galea ma kellu ebda griehi fuq in-naha tax-xellug.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehdet l-imputata **Marie Antoinette Galea** (*a fol.* 97 *et seq.*) tispjega kif

dakinhar tal-incident zewgha Pierre Galea rahha ddahhal il-*mobile* fil-but u hu *"beda jghajjat, jidghi s-soltu, jinfamani"* (*a fol.* 98). Tixhed li zewgha hadilha l-*mobile* u li hi riedet il-*mobile* lura. Tispjega li t-tifel iz-zghir beda jibki u li zewgha kien qed jidghi u kien *"fi stat tal-biza'"* (*a fol.* 98). Tixhed li ma riedx jaghtiha l-*mobile* u li qabad il-*mobile* u bit-tisbita li tah mal-art nizel mieghu. Tghid li hekk kif kien tiela', tela' biex ihebb ghaliha u hi tefghet idejha ix-xellugija biex tahtaf xi haga ha taghmilha quddiemha u nzerta li kien hemm il-globu tal-hgieg irqiq u tefghetu quddiemha u li ezatt kif tefghetu quddiemha, zewgha tela' u faqa' l-globu b'rasu. Tispjega li kienet fi spazju limitat hafna. Tixhed li qabel ma dahlu c-centru tas-sahha, zewgha saqsieha tghidlu lil min kienet qed iccempel u li hu kien lest jghid li kien habat ma' x'imkien. Hi ma qaltlux u wara li xi granet iddecidiet li titolbu s-separazzjoni, zewgha rrabja u qalilha li kien ser imur jaghmel rapport.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid x'kienet se tilqa' bil-globu, wiegbet li dak il-hin ma kienitx taf li kienet ser taqbad il-globu.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013, xehdet **Rita Massa** (omm l-imputata) (*a fol.* 103 *et seq.*) li ddeskriviet lil Pierre Galea bhala possessiv, aggressiv u li jitlaghlu malajr.

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-

xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Mazzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

"Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – *onus probandi incumbit qui asserit*".

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn l-imputata tghid li hija qabdet il-globu f'idejha, minghajr ma kienet taf x'ser taqbad, wara li rat lill-zewgha Pierre Galea sejjer ihebb ghalija (wara li kien sabbat il-*mobile* taghha mal-art) – dana tghidu kemm fl-istqarrija rilaxxata minnha lill-Pulizija (Dok. "SG 2" – *a fol.* 29) u kif ukoll meta xehdet quddiem il-Qorti (*a fol.* 98). Minn naha l-ohra, Pierre Galea jispjega li ezatt kif kien tiela' minn mal-art, l-imputata tatu daqqa go wiccu bil-globu. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju mill-feriti kagunati fuq Pierre Galea, fis-sens li dawn effettivament sehhew, pero l-Qorti ghandha l-ewwel u qabel kollox tezamina jekk dawn gewx kagunati ghax l-imputata effettivament riedet li tikkagunahom lil zewgha.

Illi l-Qorti tifhem li Pierre Galea kien ferm irrabjat u ried ikun jaf ma min bdiet titkellem martu l-imputata fuq il-*mobile*. Is-sitwazzjoni bejn l-imputata u zewgha kienet wahda ta' tensjoni assoluta tant li filwaqt li Pierre Galea jiddeskrivi lill-imputata li telghet warajh *"b'raghwa kbira"* (*a fol.* 18), huwa jghid li gietu *"cappa dlam"* (*a fol.* 18). Ir-rabja li kellu fuqu Pierre Galea kienet tant kbira li huwa stess jammetti li nklina mal-*mobile* meta tefghu mal-art u fil-verita sabbtu mal-art.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputata u zewgha kienu fi spazju kemm xejn ristrett u dana jidher minn ritratt li gie mmarkat bhala Dok. “LP 1” (*a fol.* 92). Il-Qorti ma tistax tifhem kif, *da parte* tieghu, Pierre Galea qal li ma jaqbilx li martu ma taghtux daqqa bil-globu imma ghamlet il-globu quddiemha biex tipprotegi ruhha minnu (*a fol.* 94) u dana minhabba l-fatt li effettivament Pierre Galea ma rax lill-martu taghtih id-daqqa bil-globu pero laqghat id-daqqa bil-globu x’hin kien qam tant li jghid: *“ghalkemm ma kontx naf x’habat mieghi jew le”* (*a fol.* 94).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota wkoll li minkejja li l-incident sehh fis-26 ta’ Settembru 2010 kien biss fil-5 ta’ Ottubru 2010 li Pierre Galea mar l-Ghassa tal-Pulizija jaghmel ir-rapport. Meta Pierre Galea gie mistoqsi in kontro-ezami (*a fol.* 23) rigward x’kienet ir-raguni ghala mar jaghmel rapport granet wara li kien sehh l-incident, jichad li huwa halla dawn il-granet ghaddejjin ghax beda jirrikatta lill-imputata biex tghidlu min kienet il-persuna li maghha bdiet titkellem dakinhar tas-26 ta’ Settembru 2010. Pierre Galea jghid hekk:

“Le jien is-sitwazzjoni li sibt ruhi fiha lanqas kont naf x’gara u ma garax *all right*. Dak hu jigifieri s-sens. Li jien ppruvajt biex nirranga s-sitwazzjoni halli nara x’gara u ma garax x’kien hemm fin-nofs” (*a fol.* 23).

Minkejja li l-Qorti tista’ tasal biex temmen lil Pierre Galea meta wiegeb b’dan il-mod pero l-Qorti jirrizultalha li l-imputata baqghet ma qaltlux lil zewgha min kienet il-persuna ma min bdiet titkellem fuq il-*mobile* dakinhar tal-incident. Jirrizulta pero li Pierre Galea kien lest jaghmel kollox biex ikun jaf ma min bdiet titkellem martu fuq il-*mobile* tant li sahansitra xehed quddiem il-Qorti li f’kaz li martu kienet tghidlu ma min bdiet titkellem, hu kien lest idawwar il-verzjoni ta’ kif sehhew il-griehi li kellu ma’ wiccu!

Illi, tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq, il-verzjoni tal-imputata tista’ tigi kunsidrata bhala ghandha mis-sewwa

fis-sens li hija qabdet il-globu bhala l-ewwel haga li gietha f'idejha minghajr ma kienet taf x'ser taqbad bil-konsegwenza li x'hin Pierre Galea qam minn mal-art gara li gara.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li d-difiza tallega li Pierre Galea gie li kien vjolenti fuq l-imputata drabi ohra, provi konkreti rigward din l-allegazzjoni ma gewx imressqa fl-atti ta' dawn il-proceduri u ghaldaqstant din l-allegazzjoni tibqa' allegazzjoni u xejn aktar.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-offiza volontarja, il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna […] huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

Illi fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel

ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, ighid hekk (pagna 104):

"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

Issa jekk wiehed jezamina sew ix-xiehda kollha mismugha f'din il-kawza u dak li gie espost aktar qabel f'din id-decizjoni, jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-elementi kollha fuq esposti biex tkun gustifikata l-uzu tal-forza in legittima difiza kollha jirrikorru.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tara li l-imputata kienet gustifikata li tagixxi bil-mod li agixxiet taht legittima difiza ghaliha nnifisha u *stante* li dak predispost f'Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika ghall-kaz odjern, ghalhekk l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ma gietx pruvata u b'hekk il-Qorti mhux ser issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u konsegwentement tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------